**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 1139/2012***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**MAGDALEN ABELA**
**(ID: 201670M)**

**Illum, 3 ta' Settembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **MAGDALEN ABELA,** xebba Spiteri, ta' 42 sena, bint Anthony u Micheline xebba Callus, imwielda Pieta' nhar is-17 t'April, 1970, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 201670(M), giet imressqa quddiemha u akkuzata talli fis-27 t' April 2012 ghall-habta tal-hamsa neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar (16:50hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe' fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida waqt li kienet qieghda ssuq vettura ta' l-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni ABO 328, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Peter Busuttil hekk kif iccertifikat minn Dr. Bassam Shamala M.D. (med. reg. No. 1661) ta' l-isptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputata a fol. 4, Fedina Penali tal-imputata a fol. 5, Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 31 ta' Ottubru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol. 6, okkorrenza a fol. 7 et seq u certifikat mediku a fol. 12.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni w lill-imputata tixhed minn jeddha w b'mod volontarju, u semghet lix-xhieda taad-difiza.

Ikkunsidrat.

**PS 855 Malcolm Buttigieg** xehed fit-22 ta' Novembru, 2012 fejn stqarr li fis-sebgha u ghoxrin (27) t'April tas-sena elfejn u tnax (2012) ghall-habta tal-hamsa neqsin ghaxra (4:50) gew infurmati li kien hemm persuna li giet imtajra fil-vicinanzi tal-*iskaters park* Msida . Meta marru fuq il-post sabu li l-vettura kienet giet imcaqalqa u mqeghda fil-*parking bay* minn pulizija tat-traffiku peress li ngema' hafna traffiku warajha, peress li din hija triq dejqa u kwazi kulhadd minnha jrid jghaddi biex johrog mill-Imsida. Pero' qal li l-pulizija tat-traffiku kien lahaq immarka l-post fejn kienet il-karozza. Zied pero'li l-post fejn kien hemm il-persuna li giet imtajra ma kienx gie mmarkat, ghalhekk *sketch* tal-incident ma setax jittiehed. PC855 qal li huma kellmu lis-Sinjura fuq il-post fejn tat il-verzjoni taghha. Qaltilhom li hi kienet qed thares fid-direzzjoni tat-traffiku li gej mar-*roundabout* u ovvjamament kienet diga' qieghda fuq il-*give way* kwazi ftit 'il barra w din il-persuna qasmitilha *from the blind side* u litteralment malli tat dak l-ewwel

pass biex ticcaqlaq rat lil din il-persuna quddiemha w eventwalment hu kellimha fejn qalilha li laqtitu.

Meta x-xhud gie mistoqsi fil-Qorti jekk jaghrafx lill-persuna li kienet qed issuq fl-awla, wiegeb fl-affermattiv u qal li l-vettura kienet Peugeot Station Wagon bin-numru ta' registrazzjoni ABO 328. Meta gie msitqosi jekk kienx lahaq lill-vittma fuq il-post wiegeb li le ghax sakemm lahaq wasal, il-vittma kien lahaq ittiehed l-isptar.

Kompla li l-isptar kellmu lill-vittma Michael Peter Busuttil fejn dan stqarr li ried jieqaf fuq *bus stop* ohra w mhux fejn waqaf, u dan ghax kellha tmur tigbru l-mara w stqarr li qasam quddiem il-karozza u ma ppretendiex li ha ssuq peress li kienu gejjin xi karozzi. Eventwalment gara l-incident li laqtitu kemm kemm f'saqajh .

Ix-xhud qal li hsarat fuq il-vettura involuta ma kienx hemm, u lanqas ma kien hemm sinjali ta' daqqiet. Mistoqsi jekk kienx hemm marki tal-*brakes* ix-xhud wiegeb li le ghax is-sewwieqa kienet fuq il-*give way sign,* qed tistenna minn mar-*roundabout* biex taqla' bil-mod biex tohrog ghax it-triq ma taghtikx cans li tohrog *gass down* peress li tigi fit-territorju ta' vetturi ohra mill-ewwel.

Mistoqsi jispjega f'liema parti fejn l-i*skaters park* gara l-incident u liema direzzjoni kienu ghaddejjin il-karozzi, x-xhud wiegeb li din kienet *roundabout,* u Triq il-Punent - minn fejn hareget l-imputata - hija s-*side road.* Il-vetturi kienu qieghdin iduru mar-*roundabout* u l-Universita' hija faccata ta' fejn gara l-incident. Mistoqsi jekk kienx hemm vetturi gejjin u lil fejn trid thares biex tarahom gejjin x'hin tohrog, ix-xhud wiegeb li l-vetturi kienu gejjin mil-lemin. Mistqosi jekk kienx innota xi *zebra crossing* fil-vicin jghid li kien hemm wahda li kienet qieghda lura. Kien hemm il-*give way* u kien hemm *zebra crossing*, li kienet tigi boghod ta' vettura u

nofs wara l-vettura ta l-imputata. Mistoqsi jekk l-incident sarx fuq iz-*zebra crossing* ix-xhud wiegeb fin-negattiv, anzi qal li kien hemm xi distanza ta' vettura jew tnejn ghax hemm *side road,* u z-*zebra crossing* tinsab litteralment fuq it-tarf tas-*side road*. Jghid li fejn gara l-incident kienet diga' nqabzet iz-*zebra crossing*. Ix-xhud esebixxa wkoll dokument immarkat Dok MB 1, li hija l-okkorrenza ta' l-incident mehuda minnu w iffirmata minnu stess.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn id-difiza staqsietu jekk jaqbilx li fejn sar l-incident u minn fejn qasam il-vittma, effettivament kien hemm ukoll *subway* u x-xhud wiegeb li hemm *subway* pero' mhux dejjem tintuza ghax minghajr dwal. Id-difiza staqsiet ukoll jekk jaqbilx ukoll li l-vettura ta' l-imputata kienet quddiem z-*zebra crossing* fl-istess *side road* u x-xhud wiegeb fl-affermattiv .

Id-difiza saqsiet lix-xhud fejn kienet il-karozza fit-triq meta sarulha s-sinjali da parti tal-pulizija tat-traffiku, u wiegeb li kienet nofsha 'l barra mill-*giveway sign* .

**Michael Peter Busuttil** xehed fit-22 ta' Novembru 2012, fejn stqarr li ghamel rapport l-ghassa dwar incident tat-traffiku li kien involut fih nhar is-27 t'April 2012, bejn it-tlieta u nofs u l-erbgha ta' wara nofsinnhar, hdejn l-Iskate park ta' l-Imsida.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni x'jiftakar dwar dak in-nhar tal-accident ix-xhud wiegeb li kien gej min-baha ta' tas-Sliema bil-karozza tal-linja u waqaf fuq l-ewwel *bus stop* li kien hemm, ghaliex hemmhekk hemm zewg *bus stops.* Nizel minn fuq tal-linja, hares u qasam lejn in-naha l-ohra fejn kien hemm it-tieni *bus* stop. Imbghad induna li ma kienx fil-post it-tajjeb. Jghid li kien qieghed jistenna lill-habiba tieghu tigbru bil-karozza. Jghid li ghamel il-pass biex jerga' jmur in-naha l-ohra. Jaf li hares u jghid li kien

hemm karozzi dejjem tilghin mill-Imsida Circus u l-karozzi ma setghux johorgu mis-*side street* sakemm it-traffiku jghaddi.  Ix-xhud ra t-traffiku ghaddej, u jghid li l-karozza tal-imputata kienet wieqfa, hares ghamel l-zewg passi w mat-tielet pass qala' daqqa minn karozza griza tal-marka *Peugoet.*  Jghid li dak il-hin la ra n-numru tal-karozza w lanqas ma ta kaz min kien qed isuq.  Ikompli li dak il-hin waslu l-hbieb tieghu u bil-konfuzjoni qam, haseb li forsi ma gralu xejn, imma kif qam fuq saqajh rega' waqa' ghal wiccu.  Jghid li l-mara li kienet qed issuq harget mill-karozza tghajjat mieghu.  Jghid li is-sewwieqa tal-karozza kienet l-imputata, li gharafha prezenti fl-Awla.

Ix-xhud tenna li tkaxkar wahdu sal-bankina. Zied li filwaqt li l-imputata baqghet tghajjat mieghu, xi hadd sejjah ghall-ambulanza, w lill-imputata qalilha li minflok tghajjat ahjar tistenna lill-pulizija fil-karozza.

Qal li l-parti tat-triq li kien qed jaqsam biex imur min-naha ghall-ohra kien fiha madwar tmien (8) piedi, kemm jghaddu zewg karozzi.  Sostna li lill-vettura li laqtitu kien ra qabel ma qasam, tant li hares lejn ix-xufier ukoll. Jghid li dak il-hin din il-karozza kienet qieghda tistenna biex tohrog ghax hemm trid tohrog fuq ix-xellug biss, ghax it-traffiku jigi mil-lemin.  Ix-xhud jghid li meta hares lejn ix-xufier, jaf li l-karozza kienet wieqfa ,tistenna biex tohrog, ix-xhud hares lejn id-*driver* u lejn il-karozza.  Skond hu hares lejha u kien jaf li meta hares lejha hares lejn it-traffiku w fl-istess hin jaf li hi ma setghetx tohrog sakemm jghaddu l-karozzi u ghalhekk  ghadda hu.

Jghid li ttiehed l-isptar fis-27 t'April stess, dahhluh ghall-X-Rays u ghall-MRI, qalulu li ghandu xi haga gravi u l-ghada s-Sibt filghodu (10:00) gie operat, fejn kellhom jiehdu *bone graph* minn genbu ghax it-*tibia* nkisret, tfarrket.  Jghid li ghamlulu tnax-il punt u ghamlulu hadida b'erba' viti fl-irkoppa ta' siequ l-leminija.  Ix-xhud ipprezenta dokument li gie markat bhala Dok PB1.   Ix-xhud jghid li meta hareg mill-isptar kellu juza zewg

krozzi w ma setax jirritorna fl-appartament tieghu, u ghalhekk mar jghix mas-siehba tieghu ghal seba' (7) gimghat u din kellha tiehu hsiebu sakemm jerga' jibda jitghallem jimxi.

Sussegwentement beda t-terapija izda dejjem kellu bzonn lil xi hadd biex iwasslu x'imkien, ghax hu ma setax isuq. Kompla li kull xahrejn kien imur ghall-vista mat-tobba tal-ispecjalista Dr.Gatt. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx ghadu ghaddej bit-trattament jew ghadx jonqsu xi operazzjoni, x xhud wiegeb li l-ahhar darba li ra lil Dr.Gatt dan qallu li hemm cans li jibqa' jbati xidizabilita'. Ix-xhud ipprezenta wkoll *case summary* ta' l-isptar li giet markata bhala Dok PB2, u d-dokumenti tat-tobba li gew markati bhala Dok PB3.

Huwa esebixxa ukoll certifikat mediku rilaxxat minn tabib iehor, li gie mmarkat bhala Dok PB4.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk dak iz-zmien tal-incident kienx jahdem, wiegeb li ma kienx jahdem. Izda kien jirregistra u kien ilu jahdem fuq l-idea li jibda *business* tal-*waste management*, imma ovvjament dan l-ahhar sitt xhur hajtu nqalbet ta' taht fuq.

**Michael Peter Busuttil** rega' xehed fl-4 ta' Frar 2013 fejn ipprezenta dokument rilaxxat mill-Ispecjalista Dr. Ray Gatt fejn jiddeskrivi l-gravita' tas-sitwazzjoni ta' saqajn ix-xhud. Huwa esbixxa wkoll dokument rilaxxjat minn tabib iehor u iehor rilaxxat mill-fizjoterapista. Dawn gew immarkati komplessivament bhala dok PB5. Ix-xhud ipprezenta wkoll ritratti tal-post tal-incident fejn jghid li l-*bus stop* inqala', w qed jaghmlu xi *alterations* f'dak il-post. Ix-xhud esebixxa sitt (6) ritratti, f'zewg faccati mmarkati bhala Dok. PB 6 u stqarr li r-ritratti kien hadhom hu stess.

**Michael Peter Busutil** xehed in kontro-ezami fis-27 ta Novembru 2014, fejn gie muri mappa mmarkata bhala Dokument Z, li huwa l-iskizz tal-incident u huwa indika b'salib il-post fejn fil-fehma teghu kien meta gie mtajjar. Huwa minnu li f'dan ir-ritratt hemm indikat li hemm *zebra crossing* fl-akwati pero' peress li kien hemm hafna karozzi jghid li ma rax iz-*zebra crossing* u nduna biha wara li sehh l-incident. Ix-xhud gie muri d-dokument X fejn hemm indikat *zebra crossing* u li din hija z-*zebra crossing* in kwistjoni. Ix-xhud tenna li dakinhar ma qasamx minn fuq iz-*zebra crossing* ghax qabel l-incident ma rahiex u jaqbel ukoll li dakinhar tal-incident qasam minn quddiem il-vettura tal-imputata u z-*zebra crossing* fil-fatt irrizultat li kienet wara l-vettura tal-imputata ghalkemm rega' tenna li dakinhar ma rahiex.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk id-*driver* harsitx lejh qabel ma qasam stqarr li ma jafx pero' jaf li l-karozza kienet wieqfa meta qasam. Biex l-imputata tohrog minn fejn kienet bilfors kellha thares fuq il-lemin taghha minn fejn qasam hu. Ix-xhud qal li ma jistax jghid jekk effettivament l-imputata kinitx qieghda thares lejn il-lemin u mhux lejh meta x-xhud hares lejha. Tenna li hu fl-ebda hin ma gibed l-attenzjoni tad-*driver* li kien ser jaqsam minn quddiem il-vettura taghha.

Ix-xhud jghid li dakinhar kien nizel minn fuq ix-xarabank fuq il-*bus stop* lejn in-naha tal-Gzira. Bid-diligenza kollha qasam ghan-naha l-ohra tat-triq u peress li kien ser jigi migbur mill-*partner* tieghu, irrealizza li kien ikun ahjar li jerga' jaqsam ghall-istess naha fejn kien qabel u ghalhekk bhal qabel, rega' pprova jaqsam bl-attenzjoni. Peress li ra li l-karozzi kienu ghaddejjin u li l-imputata ma setghetx tohrog minn fejn kienet, hassu komdu bizzejjed biex jaqsam u qasam.

Ix-xhud stqarr li quddiem minn fejn harget l-imputata hemm *give way sign.* Jirreferi ghal dak li qalet l-imputata fil-*police report* u cioe' illi l-ewwel

darba li ratu kienet meta kien mal-art. Ix-xhud jghid li qasam fit-triq mhux minn fejn kienet qieghda tohrog l-imputata. Ix-xhud stqarr li ma jafx jekk effettivament l-imputata kinitx diga' harget minn fuq il-*give way* meta laqtitu, pero'jaf li hija kienet wieqfa. Ix-xhud stqarr li hu ma kienx ra l-*giveway sign* pero' jaf li kienet hemm. Ix-xhud gie muri ritratt li jinsab a fol. 52 fejn qal li fuq din il-pagna hemm is-sinjal li juri fejn kien hu qabel ma qasam u spjega li l-vettura tal-imputata ma kienitx kif inhi murija fir-ritratt u spiccat hemm wara li taghtu d-daqqa mhux qabel. Ix-xhud ma rahiex u jirraguna li naturalment biex gie milqut sinjal li l-imputata mxiet u ma baqghetx stazzjonata.

Ix-xhud stqarr li effettivament intlaqat u spica f'nofs ta' triq wara li kien ghamel tliet (3) passi, imbaghad qam u rega' mar vicin il-bankina u fil-fatt l-imputata harget tghajjat mieghu. Jghid li spicca fit-triq il-principali minn fejn kien gej it-traffiku, propju quddiem il-karozza tal-imputata. Qal li huwa minnu li saqajh ma zammitx il-piz tieghu ghax ikkrolla hemm u ghamel dahru mal-pilastru u x-xufier ta' wara staqsieh jekk riedx ambulanza w hu wiegeb iva. Ix-xhud cahad li f'xi hin mess il-*bonnet* tal-vettura ta' l-imputata. Huwa mmarka fuq id-dokument Y fejn spicca wara li kkrolla lura w kompla jghid li wara l-accident ma setax jimxi w insista li mhux vera li mexa jzomm irkobbtu w mar ipoggi hdejn il-pilastru. Ikkonferma li d-dokument a fol. 31 gie pprezentat minnu w li l-X-Ray gie mehud l-isptar u gie moghti lilu mit-tabib.

**Dr. Bassam Shamala M.D.** xehed fl-4 ta' Frar 2013, fejn gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol. 12 u mmarkat bhala Dok. JM5, kienx irrilaxjah u hu wiegeb fl-affermativ u kkonferma li kien ra lill-pazjent is-Sur Michael Peter Busuttil bin-numru tal-karta tal-identita' 641758 (M) f'xi s-sitta u ghoxrin, fis-27 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012). Rah gewwa l-emergenza u jikkonferma li kellu frattura fir-*right upper tibia*. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar in-natura tal-feriti,

wiegeb li kienu gravi u kellu bzonn intervent kirurgiku. Mistoqsi ma xhiex huma kompatibbli l-feriti jghid li huma kompattibbli ma' *sideway hit*. Fil-fatt kellu nefha *hematoma* n-naha ta' barra tal-irkoppa u tas-sieq minn fuq, hadulu *x-ray* u din uriet li frattura fil-*plateau* tat-*tibia* li hi l-ghadma principali tas-sieq u biex din tigi rrangata hemm bzonn li ssir operazzjoni. Ix-xhud jghid li sejjah lil tal-*Orthopedic* li komplew b'aktar testijiet.

Meta l-prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud jekk wara dakinhar regax ra lill-pazjent, dan wiegeb li le u li rwol taghhom hu li jaraw lill-pazjenti li jidhlu l-emergenza, jaghmlu t-testijiet imbghad ikun it-tim tal-Ortopedija li jiehu hsieb it-trattament, operazzjoni jew gibs skond il-bzonn.

Meta x-xhud gie mistoqsi kif ikklassifika l-*injury* li kellu l-vitma , wiegeb li kellu *grevious injury*. Mistoqsi mid-difiza ghaliex l-*injury* kienet ikklassifikata bhala gravi, wiegeb li, l-ewwelnett kienet *fracture bone* u t-tieni ghax zgur tiehu iktar minn erba' (4) jew hames (5) gimghat biex tfieq. Meta d-Difiza ssuggeriet lix-xhud li l-frattura mgarrba fl-ghadma tal-pazjent sehhet minhabba fragilita' fl-ghadam jew *severe arthritis,* specjalment tenut kont tal-eta' tieghu, ix-xhud baqa' jinsisti li l-frattura hija kompatibbli ma' *side hit* u li d-daqqa li qala' l-vittma kienet wahda b'sahhitha. Ikkonferma li d-daqqa kienet fuq l-*outer part* tas-sieq. Mistoqsi jekk il-vittma jbatix minn xi kundizzjoni wiegeb li le w spjega limeta ezaminawh dakinhar sabu li kienet ferita friska b' *hematoma* li tfisser demm taht il-gilda jigifieri xi haga li grat ftit tas-sieghat qabel .

**Dr.Bassam Shamala M.D.** xehed in kontro-ezami fit-12 ta' Frar, 2015 fejn ikkonferma li kien ezamina lil Michael Peter Busuttil gewwa l-Emergenza u kien ikkonkluda li Busuttil kellu frattura f'saqajh il-leminija. Mistoqsi jekk kienx ra s-*CT Scan* u l-*X-rays* relattivi ghal din is-sieq wiegeb li rahom. Ix-xhud gie muri dokument esebit f'dawn l-atti a fol. 33 u cioe' l-*case summary* ta' Michael Busuttil u spjega li din hija d-*discharge letter*

mahruga mill-Isptar u li hu m'ghandux x'jaqsam mas-sala, ghax fl-Emergenza biss jahdem. Ix-xoghol tieghu hu li jiehu l- X-ray tal-pazjent u bl-X-ray ikkonferma li l-pazjent kellu ksur u naturalment ikkomunika mal -*Orthopeadic* peress li kien hemm ksur u kienu tal-Orthopeadics li ordnaw *CT Scan* u x-xhud ma kellu x'jaqsam xejn aktar.

Ix-xhud tenna li l-ksur kien fit-*tibia* u mhux fil-*femur* u ghadda biex spjega li *genitive cyst* ma tigix ikkawzatha bi trauma imma hija kwistjoni ta' *wear and tear*. *Cyst* hija vojt fl-ghadma u trid iz-zmien biex tizviluppa w mhux bilforx tikkawza debbolizza fis-sieq anzi jista' jkun li kien jimxi u ma kien ihoss xejn. Jghid li kieku l-ghadma kienet debboli kienet tkun din l-ghadma li tinkiser u mhux l-ghadma l-ohra li effettivament inkisret.

**Ray Gatt** xehed fl-10 ta' Novembru, 2014 fejn gie muri d-*discharge letter* a fol. 32 tal-process li kienet mahruga fil-konfront ta' Michael Peter Busuttil u kkonferma li dan Busuttil kien pazjent tieghu meta dahal l-isptar fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2012. Ix-xhud qal li l-pazjent kien allegatament involut f'incident tat-traffiku w kellu ksur tat-*tibia* tan-naha tal-lemin. Mistoqsi jekk il-vittma ghandux debilita' wiegeb li iva, fil-fatt ghandu. Il-ksur jista' jiehu bejn 6 (sitt) gimghat u 6 (sitt) xhur biex ifieq, pero' jista' wkoll ma jfieqx.

Mistoqsi jekk kienx rega' ra lill-pazjent wara l-operazzjoni, qal li kien rah u rega' kkonferma li ghandu debilita'. Ix-xhud ra c-certifikat esebit a fol. 35 tal-process u qal li dan kien rilaxxat minnu nhar l-ewwel (1) ta' Novembru, 2012 fejn iccertifika li effettivament dan il-pazjent kellu *major residual problems* u li effettivament ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Ix-xhud gie muri certifikat iehor a fol.48 tal-process u qal li dan huwa l-istess certifikat bhac-certifikat li ghadu kif xehed dwaru.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li ma jidhirlux li Busuttil kien pazjent tieghu qabel is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April, 2012. Sar pazjent tieghu ghall-ewwel darba meta kien kiser saqajh. Mistoqsi jekk kienx konxju tal-*past medical history* ta' Busuttil, wiegeb li bl-amment ma jiftakarx pero' jaf li kien rah b'mod privat u sahansitra kien hariglu rapport tad-dizabilita' li ghandu, u hemmhekk kien indika l-*past medical history* tieghu u dan abazi ta' dak li kien qallu hu. Mistoqsi jekk effettivamnet setax kien il-kaz li Busuttil kienx ibati minn artrite qabel l-operazzjoni in kwistjoni, qal li dwar dan ma jista' jghid xejn ghax ma jafx.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk hadlux l-X-rays, qal li iva fil-fatt kienu hadu u meta staqsewh jekk kienx ra dawn l-*x-rays*, stqarr li fi zmien l-operazzjoni kien rahom zgur imma qal li dakinnhar li xehed ma rahomx. Ix-xhud tenna li bl-amment ma jistax jghid jekk effetivament kienx hemm kwistjoni ta'artrite qabel dak iz-zmien tal-accident, pero' jaf li l-*x-ray* kien ittiehed fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2012 u cioe' fl-istess gurnata tal-ksur u r-rapport tal-*x-ray* ma jindikax li kien hemm artrite qabel, hemm indikat biss li kien hemm ksur.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>Ikunsidrat ulterjorment.</u>**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-incident kienu s-segwenti:-

1. L-imputata kienet qed issuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ABO 328 ghaddejja minn Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida.

2. Jirrizulta li kienet wieqfa qabel sinjal ta' *give way* li hemm f'tarf it-triq qabel ma tisporgi ghal triq principali (*regional road*) fejn hemm l-Iskaters park.
3. Jirizulta li sabiex tohrog minn din it-triq sekondarja l-imputata kellha thares biss lejn il-lemin taghha, w dan ghamlitu, kif konfermat mill-vittma stess.
4. Illi l-vittma kien bil-wieqfa fuq il-lemin taghha u kien ghadu kif nizel minn xarabank meta ddecieda li jaqsam minn quddiemha.
5. Il-vittma Busuttil jikkonferma li wara l-vettura tal-imputata kien hemm *zebra crossing,* u jikkonferma wkoll li meta gie biex jaqsam ma jafx jekk l-imputata ratux jew jekk kinitx qed thares lejn il-lemin taghha.
6. Jirrizulta wkoll bhala fatt, li l-vittma gie milqut meta kien ghadu kemm lahaq ghamel tliet (3) passi, w dan mill-imputata li kienet ser issuq ghal go triq principali.

Bhala fatti ma jidhirx li huma kontestati.

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

L-**Artikolu 225 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li biha hija akkuzata l-imputata, jipprovdi s-segwenti:

"*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn* ....................................".

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju (jew ferita gravi kif inhu il-kaz in desamina), hemm bzonn*

*li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju*".

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti w ipprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb '*imprudenza*', '*negligenza*' jew '*traskuragni*' jew ta' hila, ta' *'imperizja'* fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.

Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha *'colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha *'colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru, 1990 dik il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi u ccitat il-gurist **Francesco Carrara** li jghid hekk dwar il-culpa:-

*"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo –*

*1. Volontarieta` dell'atto –*
*2. Mancata previsione dell'effetto nocivo –*
*3. Possibilita` di prevedere."*[1]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".[2]

U fis-sentenza fuq citata ta' **Rini Borg et**, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

[1] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[2] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

"… *kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

L-imprudenza tekwivali ghal "*un atto inconsiderato e rischioso*" maghmul b'"*leggerezza" jew "sconsideratezza*"[3] u kif jghid **Antolisei**, "*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*".[4]

U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela*."[5]

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et,** fuq citata inghad illi "*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".[6]

---

[3] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.

[4] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[5] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

[6] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata.

Skond l-imsemmija sentenza, "*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*" Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-**Ordinanza tat-Traffiku** (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-**High Way Code – Motor Vegicle Regulations**, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, **il-Professur Anthony Mamo jghid** illi

"*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry.*

*Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.*"[7]

[7] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghitja mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Richard Grech</u>**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

Illi pero hija l-imputata biss li hija akkuzata quddiem din il-Qorti u ghalhekk il-Qorti hawn tistaqsi, 'X'inhuma l-obbligi tas-sewwieqa fil-posizzjoni taghha?' Ir-risposta tohrog direttament mil-Ligi w senjatament mill-**Artikoli 225 u 226 tal-Kap. 9** tal-Ligiijiet ta' Malta. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dawn odjerni, li l-imputata kienet kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb jew ta' traskuragni jew li naqset li thares xi regolamenti, f'dan il-kaz ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputata kinitx hatja ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Skond il-Highway Code, l-**Artikolu 91** jipprovvdi li: "*Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road*".

L-**Artikolu 84** jghid: "*Use extra care at junctions and intersections.* ***STOP at STOP SIGNS***".

Kif inhu risaput fil-gurisprudenza in materja gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li: "*Is-'side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara*".

Id-dover tas-*side road user* hu li dan "*irid jidhol gol 'main road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux*". *Side road user* ma jistax johrog go *main road* bl-izgiccaturi. App.Krim **<u>Pul vs G.Galea</u>** Vol. 37 p 1108 "*Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox*". (App Civ. **<u>H.Farrugia vs R.Ripard</u>**. deciza fil-15 ta Frar 1974).

Illi minn ezami tal-**Artikolu 15 tal-Kap. 65** tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' mill-Ordinanza tar-Regolamenti tat-Traffiku, jirrizulta li huwa reat min isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza.

Dwar dan l-artikolu tal-ligi, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju 1997, fil-kawza fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Alfred Mifsud</u>** qalet hekk:

*<u>"Sewqan traskurat</u> (negligent driving) huwa kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont huwa deskritt fis-sub artikolu tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan bi traskuragni kbira. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatmanet jiehu r-riskju fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan Perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari is-sewqan kien ta' periklu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett form ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw d-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati."*

Issa fil-kaz in desamina ma jirrizultax li l-imputata kienet qed issuq b'xi velocita', anzi addirittura jirrizulta li kienet wieqfa, kif jghid il-vittma, w saqet bil-mod meta huwa gie imtajjar. Jghid li huwa ma rahiex thares lejh u li huwa kien konxju li kien ser jaqsam minn quddiemha meta hija riedet issuq 'il quddiem. Min-naha l-ohra l-imputata tghid li l-ewwel darba li rat lill-vittma kien meta kien mal-art. Fl-ebda hin ma ratu qabel. Ma hemmx dubbju li vera l-imputata ghandha obbligu li tara *'what is in plain view'*.

Ir-**regolament 64 tal-Motor Highway Code** jghid li:

"*Major road is one where all traffic going over it has the right of way and traffic on all other roads, converging into it, shall give way to that*

*on the road referred to above, provided however that the driver of any motor vehicle, whether on a major or minor road, shall at all times exercise due care and shall take all necessary precaution at any road junction."*

Ir-**regolament 68 tal-Motor Highway Code** jghid li:

*"The driver of a motor vehicle proceeding from a minor into a major road, is to give way to traffic on its major road."*

Ma jridtx jintesa li fil-**Highway Code** hemm din r-regola:

"*Proceed with special care when coming from a minor road into a major road and give way to traffic on the major road. Unless you have a clear view of the major road in both directions, stop just before entering the carriage way of the major road.*"

Huwa minnu li l-Highway Code mhux ligi izda zgur li huwa ***a standard of conduct for the road***; eppure id-disposizzjonijiet tieghu huma accettati kemm fid-dottrina kif ukoll fil-Qrati u hawn Malta dejjem gew segwiti.

Ghalhekk fis-sistema Maltija, is-*side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara, u l-*pedestrian* wkoll ghandu joqghod attent ghas-*side road user* u ghandu grad ta' diligenza ghaliex ikun ser jiddisturba l-kors tat-traffiku li jkun miexi fuq triq dritta.

Ir-**Regolament 59 tal-Highway Code** jipprovdi li:

"*The driver of any motor vehicle whether on a major or a minor road, shall at all times, exercise due care and take all necessary precautions at any road junction."*

"*The more risky and difficult the movement or manouvre, the greater the duty incombent on the driver."* [vide **Lord Clyde** '***Leading Case***' Hutchinson & Leslie 1927].

Issa gie deciz illi min ma jarax dak li ragjonevolment ghandu jara, jfisser li ma jkunx qed jzomm *a proper lookout.* [vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija v J.M. Laferla**.]

Is-*side road user* ghandu dritt li jaqsam ghal go *main road* meta bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera [vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Novembru 1960 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Borg**.]

Is-*side road user* irid jidhol go *main road* bla ma jiehu riskji li sewwieq prudenti ma jihux [vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Giuseppe Galdes** - Vol XXXVII pagna 1108].

Illi jirrizulta li fil-vicinanzi kien hemm *zebra crossing* u cioe' ftit qabel fl-istess triq minn fejn kienet hierga l-imputata, w ghalhekk kien ikun ferm aktar idoneju kieku l-vittma qasam minn fuq din iz-*zebra crossing* minflok ma mar f'tarf it-triq u qasam ghall-gharrieda quddiem l-imputata.

F’'dan il-kaz ma jirrizultax li l-imputata qabdet u ma haditx *proper look out* hija w hierga minn *side road* ghal fuq *main road,* izda ddecidiet li tieqaf fuq sinjal ta’ *give way* sabiex tesplora b’aktar attenzjoni t-triq li kienet diehla go fiha. Mentri l-vittma mhux talli ma fittixx biex jaqsam fuq *zebra crossing* li kien hemm f’*side street* fl-istess triq ftit metri ‘l isfel, izda ghazel li jaqsam minn quddiem l-imputata ghall-gharrieda w dan billi holqot emergenza subitanea lill-istess imputata li ratu biss ghall-ewwel darba meta kien mal-art quddiemha. Mentri l-vittma jghid li ra lill-imputata wieqfa pero’ haseb li seta’ jaqsam ghaliex hass li l-imputata kellha thares lejh bilfors qabel ma tohrog ‘il barra, w dan ghaliex huwa qasam fuq il-lemin taghha w il-vetturi li setghu jghaddu minn quddiemha setghu jigu biss mill-lemin taghha. Dan zgur mhux ragunament ta’ kif il-vittma ghandu jiddeciedi li ghandu jaqsam. Ma hemmx dubbju li n-negligenza fid-dawl tal-principji fuq elenkati giet accertata min-naha tal-vittma w mhux mill-imputata li saqet b’dik id-dilgenza ta’ *bonus pater familias*.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe’ l-Artikoli 225 u 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputata MAGDALEN ABELA hatja w tilliberaha minn kull akkuza.**

Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Magistrat